

Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell parzialment miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, peress li t-trade mark inkwistjoni għandha karattru distintiv, u peress li l-Bord tal-Appell, fir-rigward tar-rifsjut għar-regiżazzjoni previst fl-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, li fuqu dan ibbażza d-deċiżjoni tiegħu, ma adotta ebda pożizzjoni spċċifika, ibbażza indebitament l-evalwazzjoni tiegħu stess fuq kombinazzjonijiet ta' kliem li ma jikkostit-wixxux is-suġġett tal-applikazzjoni, adotta l-istess fehma tal-Bundespatentgericht u, il-konklużjonijiet li huwa silek mill-opinjoni tal-pubbliku rilevanti kienu żbaljati.

Appell ippreżentat fit-8 ta' Diċembru 2011 minn Harald Mische kontra s-sentenza mogħtija fid-29 ta' Settembru 2011 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-70/05, Mische vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-641/11)

(2012/C 49/54)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Harald Mische (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: R. Holland, J. Mische and M. Velardo, avukati)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea u Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

L-appellant jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġogħobha:

- tannulla s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tad-29 ta' Settembru 2009 fil-Kawża F-70/05 u, sa fejn huwa possibbli, tagħti s-sentenza, abbażati tal-fatti quddiem il-Qorti Ġenerali, u;
- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Novembru 2004 sa fejn tiddetermina l-għoti ta' grad tal-appellant;
- tikkundanna lill-Kummissjoni biex tikkumpensa kwalunkwe dannu kkawżat (inklużi danni lill-karriera tiegħu, tagħtih remunerazzjoni ġusta u regolari, danni morali, bl-interessi moratorji, eċċ.);
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjes ta' dawn il-proċeduri u ta' dawk quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appellant tiegħu, l-appellant jinvoka tlett aggravji.

- (1) L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq il-fatt li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku b'mod żbaljat naqas li jeżamina l-motiv ta' ksur tal-Artikolu 41(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll tal-Artikolu 41(3) marbuta mad-dritt għall-kumpens għad-danni, jiġifieri l-kondizzjonijiet tagħha ta' "ġustizzja" u "tempestività" fil-ġestjoni tal-affa-

rijet tal-appellant fir-rigward ta' numru ta' sitwazzjonijiet fattwali, għalkemm tali motiv ta' ksur ġie espliċitament imqajjem.

(2) It-tieni aggravju huwa bbażat fuq il-fatt li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku bi żball iddikjara bħala inammissibbi l-motiv ta' ksur tal-Artikolu 5(5) tar-Regolamenti tal-Persunal (¹) bil-kondizzjonijiet legali spċċifici tiegħu li jipprovd li mhux biss ugħwali, iżda, fil-fatt, "[k]ondizzjonijiet identiċi għar-reklutaġġ u s-servizz ta' karriera għandhom jaapplikaw għall-ufficijali kollha ta' l-istess grupp tal-funzjoni".

(3) It-tielet aggravju huwa bbażat fuq l-fatt li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku bi żball naqas milli jikkunsidra l-kontinwità akkwistata legalment tal-karriera ta' ex membru tal-persunal temporanju, kif iċċarat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenta riċenti tagħha (Kawża C-177/10). Barra minn hekk, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku b'mod żbaljat iddikjara bħala inammissibbi l-eċċeżxonja ta' illegalità tal-Artikolu 5(4) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal bl-argument li l-appellant ma kienx ġie mogħti grad taħt din id-dispożizzjoni.

(¹) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 723/2004, tat-22 ta' Marzu 2004, li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal tal-ufficijali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 1 Vol. 2, p. 130).

Appell ippreżentat fit-8 ta' Diċembru 2011 minn Harald Mische kontra s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tad-29 ta' Settembru 2011 fil-Kawża F-93/05 — Mische vs Il-Parlament

(Kawża T-642/11 P)

(2012/C 49/55)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Harald Mische (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: R. Holland, J. Mische, u M. Velardo, avukati)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Parlament Ewropew, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet tal-appellant

- tannulla s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tad-29 ta' Settembru 2009 fil-Kawża F-93/05 Mische vs Il-Parlament u, sa fejn huwa possibbli tiddeċċiedi fuq il-bażi tal-fatti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, u;
- tannulla d-deċiżjoni tal-Parlament tal-4 ta' Ottubru 2004 sa fejn tiddetermina l-grad tal-appellant;
- tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u dawk quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.